# MRO. GIOVANNI VELLA

*(Tagħrif miġbur u miktub minn **F.S. Bezzina**)*



GIOVANNI VELLA twieled il-Mosta fid-29 ta' Settembru, 1890, minn Indrì u Carmela née Micallef. Missier Giovanni kien bennej u kuntrattur, iżda peress li f'dak iż-żmien il-pagi kienu żgħar wisq, kien meħtieġ li Giovanni jinfatam kmieni mill-iskola u jmur jgħin lil missieru Indrì fix-xogħol tal-ġebel.

Filwaqt li ħafna nies fil-ħin tal-mistrieħ kienu jintasbu ma' xi mejda f'xi ħanut igħaddu ż-żmien, Giovanni kien għażel u beda jmur jitgħallem il-mużika għand Mro. Carlo Diacono. Moħħ Giovanni deher li kien jagħtih għall-istudji tal-mużika u fil-fatt narawh li fl-età ta' 19-il sena, voldieri fl-1909, ġa kien idoqq Trumbun Solista mal-banda tar-Royal Malta Artillery u mal-banda ċittadini "La Vallette". Huwa daqq ukoll partijiet solisti f'konkorsi ma' l-aħjar baned ta' Malta, sew fil-Kontinent u wkoll fl-Afrika ta' Fuq. Wara li sar bandist mill-aqwa, mimli rieda qawwija ried li jkompli javvanza fl-arti mużikali, u għalhekk mar jistudja l-armonija u l-kontrapont għand Mro Ġużè Abdilla. Beda jikkomponi l-mużika huwa stess u rnexxa verament. Mill-pinna tiegħu ħarġu ħafna Marċi Trijonfali u wkoll Funebri; Tmien Fantasiji (fosthom SILVER JUBILEE); Sitt Fantasiji Deskrittivi; Scherzo Romantico; Żewġ Intermezzi (wieħed huwa LIBERTY); Varjazzjoni għat-Trumbun Kantabbli; Ħames Scherzi u Fantasija Deskrittiva "SAN ĠORG MARTRI" imfassla fuq episodji mill-ħajja tal-qaddis, u din kienet biċċa xogħol li ġiet imfaħħra mill-aħjar nies ta' l-arti mużikali.

Is-Surmast ĠANNI VELLA kif kien magħruf, kien iżżewweġ lil GIOVANNA née DIMECH, mara mill-Mosta, u kellhom tliet ulied, żewġ subien u tifla. L-istudji u l-prattika għamlu lil Ġanni Vella bħal Tabib u Spiżjar li jinduna bil-mard li jkun jifni xi banda u jsib il-mediċina għall-fejqan.

Dan inħoss li ngħidu għax Is-Surmast Ġanni Vella kienu jsejħulu biex ikun hu li mill-ġdid jagħti ħajja ġdida lil banda li tkun waslet fix-xifer ta' sfrattament. Hekk narawh jissejjaħ biex mill-ġdid jagħti l-ħajja lill-banda Nicolò Isouard tal-Mosta, fis-sena 1922/23 meta din il-banda kienet mietet għal kollox. Hekk ukoll sar lill-banda tagħna San Nikola matul it-tieni gwerra dinjija, għax li kieku mhux għax kienet l-insistenza ta' Mro. Ġużeppi Muscat, il-banda kienet tmut għal kollox. Wara l-gwerra l-banda tagħna kienet tinħtieġ riorganizzazzjoni ġenerali u għal dan, il-Kumitat f'seduta ta' l-1 ta' Marzu, 1944, iddeċieda li jsejjaħ lil Mro. Ġanni Vella biex isaħħaħ lill-banda tagħna. Dan il-bravu surmast direttur aċċetta l-kariga u b'dehen kbir irnexxielu jfassal libsa ġdida, tal-qies, moderna u fuq kollox irnexxielu ilibbishielha.

Matul iż-żmien li Mro. Ġ. Vella dam imexxi l-banda tagħna, irnexxielu jirbaħ simpatija kbira mhux biss mill-bandisti, iżda wkoll minn ħafna nies tal-parroċċa tagħna, u kien verament maħbub minn kulħadd. Huwa dam imexxi l-banda "San Nikola" sas-sena 1952, meta ħassu ma jiflaħx. Fiż-żmien li kien direttur tal-banda tagħna, kien iħobb jirregalalna xi marċi miktuba minnu stess, iżda bla dubju għalina s-Siġġiwin ħalla dak il-famuż Innu Marċ bl-isem "San Nikola" li għal dan il-marċ, il-Poeta Kbir ta' raħalna u li bħalna huwa wild is-Siġġiwin, Karmenu Vassallo, addatta għal mal-mużika dak il-kliem tant sabiħ bil-poeżija ta' 32 vers 'F'ĠIEH SAN NIKOLA TA' BARI" li kien kiteb fil-5 ta' Lulju, 1945, għall-festa tas-6 ta' Diċembru ta' l-istess sena. Dan l-Innu Marċ baqa' sal-lum il-preferit għas-Siġġiwin, għaliex f'kull festa ta' kull sena, għadek tisma' xjuħ u żgħażagħ jgħajtu "agħtuna l-Innu" u preċiżament ikunu jirreferu għal dan l-innu tant sabiħ, li jibda bil-kliem SLIEM GĦALIK O TAWMATURGU.

Mhux ta' min iħalli barra s-sagrifiċċji li kien jagħmel Mro. Ġ. Vella, għax kull meta kien jiġi biex jikkunċertja lil banda, kien jibqa' l-każin u wkoll kien jorqod hawn, minħabba li l-karozzi tal-linja kienu jieqfu kmieni, biex ma jdaħħalx fi spejjeż żejda lill-każin biex iwassluh id-dar. Jiena li kont indoqq il-klarinett taħt id-direzzjoni tiegħu, niftakru li wara l-kunċert kien ta' kull darba jpoġġi siġġu mal-mejda, u wara l kien jiekol ikla tajba li kienet tlestilu Ċensa Buhagiar (illum Ċensa Vassallo), kien jissokta għal ħin twil, jirranġa u jikkomponi mużika għall-banda tagħna.

Mro. Ġanni Vella kien direttur magħruf ħafna għall-kapaċità li kellu, tant li dderieġa ħafna baned fil-gżira tagħna.

Nistqarr li f'dan l-ispazju limitat, huwa impossibbli biex nasal nuri l-qawwa, iż-żelu u d-dedikazzjoni, li kien imżejjen bihom dan il-bniedem fl-arti mużikali.

Mro. ĠANNI VELLA miet fid-dar tiegħu f'Numru 57, Triq it-Torri, il-Mosta, nhar l-Erbgħa, 16 ta' Frar, 1955, u fil-funeral tiegħu kien akkompanjat mill-banda tal-Mosta "Nicolò Isouard" li daqqet marċi funebri u fosthom l-aħħar marċ funebri li kien kiteb huwa stess. Illum il-fdal tal-ġisem tiegħu jinsab midfun fil-kannierja tal-Knisja Arċipretali 'ir-Rotunda' tal-Mosta.